**233. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi**:

Billi huwa maħsub fl-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (ukoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) tal-imsemmi sub-artikolu li trasferiment kif imsemmi qabel jista’ jsir "skont policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad- Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi b'riżoluzzjoni tas-17 ta' Lulju 1989, il-Kamra tad- Deputati approvat il-policy miġbura f’dokument anness mal-istess riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu;

U billi skont il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-istess artikolu 3 tal-imsemmi Att, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (b) fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien sena mid-data li tgħaddi, iżda skond is-subartikolu (2) tal-istess artikolu 3 tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni jew b'riżoluzzjonijiet oħra li jsiru wara għall-perjodu ieħor jew għal perjodi oħra ta’ sena jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista’ jiġi speċifikat fir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-17 ta' Lulju, 1989 tiġġedded sas-16 ta' Lulju, 1992.

04.06.1990